MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2007

Rikors Numru. 63/2006/1

**Michael Cutajar**

**vs**

**Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat fl-24 ta` Novembru, 2006, li in forza tieghu r-rikorrenti, wara li ppremetta illi:

Fis-17 ta` Ottubru, 2006 huwa gie imressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali u akkuzat talli fit-22 ta` April, 2006 kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur, haj jew mejjet, jew parti minn xi ghasfur, li l-kacca jew it-tehid tieghu huma projbiti bi ksur ta` l-Avviz Legali 79/2006 artikolu 4(e) u akkuzat ukoll talli

sar recidiv b`sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali datata 8 ta` Novembru, 2004. (charge 112-186 – Dok. A).

B`sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali, moghtija fis-17 ta` Ottubru, 2006, fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur A.P. Miruzzi) vs Michael Cutajar, (Dok. B), l-esponent gie misjub hati ta` l-akkuzi kif dedotti u kkundannat ihallas multa ta` tlett mitt Liri Maltin kif ukoll il-Qorti ordnat is-sospensjoni tal-licenzja ghal perjodu ta` sena u l-konfiska ta` l-ghasfur.

L-esponent hass ruhu aggravat b`din is-sentenza u pprezenta rikors ta` appell fejn appella mis-sentenza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali.

L-aggravju mressaq mill-esponenti kien li l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali ghamlet apprezzament zbaljat kemm tar-rekwiziti tal-Ligi kif ukoll tal-fatti.

Il-fatti li taw lok ghall-proceduri kriminali li ttiehdu fil-konfront ta` l-esponent kienu s-segwenti:

L-esponent kien fil-garage (boat house) tal-genituri tieghu li jinsab gewwa l-Mellieha, flimkien ma` terza persuna, meta l-Pulizija Ezekuttiva ghamlu raid fl-inhawi u sussegwentement gewwa l-garage u sabu tajra protetta (kokka) gewwa l-freezer li kien hemm fil-post.

Il-Pulizija Ezekuttiva harget akkuzi fil-konfront ta` l-esponent abbazi ta` dak li sabet u akkuzatu li kellu fil-pussess tieghu tajra li l-kacca jew it-tehid taghha huwa projbit.

Mix-xhieda li tressqet quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali irrizulta li l-Pulizija kienet wasslitilha informazzjoni dwar speedboat li kienet twaqqfet fuq il-bahar minhabba suspetti ta` kacca kontra l-ligi biss fuq din id-dghajsa ma kien instab xejn illegali. <u>Irrizulta wkoll li l-imputat ma kienx wiehed mill-persuni fuq</u>

<u>id-dghajsa skond ix-xhieda tal-PC305.</u> Il-Pulizija ziedu li huma intalbu jfittxu l-ispeedboat in kwistjoni li mhix proprjeta` ta` l-esponent u din instabet barra l-garage tal-genituri tal-esponent. Saret tfittxija kemm fuq l-ispeedboat, kemm fid-dintorni u sussegwentement gol-garage. Il-Pulizija ddikjarat ukoll li ma sabet l-ebda oggetti konnessi mal-kacca bhal snieter jew skratac u oggetti simili. Il-Pulizija sabet biss tajra li l-kacca taghha huwa projbit (kokka) gewwa freezer gol-garage. Ghandu jinghad li rrizulta li t-tajra kienet iffrizata. Il-Pulizija rrilaxxaw ricevuta ghall-elevazzjoni tat-tajra u talbu lill-esponent jiffirma, kif fil-fatt ghamel. Xehdu wkoll li l-esponent ma nghatax twissija li seta ma jiffirmax u li talbu lilu biex jiffirma peress li l-garage kien tal-genituri tieghu u li l-persuna prezenti mieghu fil-garage ma kienx tal-familja. Irrizulta wkoll mix-xhieda li l-Pulizija kienu qed jaghmlu r-raid minhabba l-persuna li kien hemm fil-kumpanija ta` l-esponent u mhux minhabba l-esponent nnifsu.

L-esponent ilmenta fir-rikors ta` appell tieghu illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz taghha a tenur tad-dispozizzjoni ta` l-artikolu 4(e) ta` l-Avviz Legali 79/2006 li tistipula li l-ebda persuna m`ghandha … izzomm lil xi ghasfur … hlief skond id-disposizzjonijiet ta` dawn ir-regolamenti. Il-Prosekuzzjoni naqset milli ggib prova li kien l-esponent li kien fil-pussess ta` l-ghasfur. L-esponent ilmenta illi l-provi kemm fattwali kif ukoll cirkostanzjali jindikaw l-innocenza tieghu u li l-Qorti tal-Magistrati invertiet l-prezunzjoni ta` l-innocenza ghal wahda ta` htija sakemm ma tingiebx prova kuntrarja.

Il-Qorti ta` l-Appell Kriminali cahdet l-appell ta` l-esponent u kkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali u kkundannatu ghall-hlas ta` multa ta` Mitt Liri Maltin (Lm100) abbazi ta` l-artikolu 429(2) tal-Kodici Kriminali (Kap. 9) ghaliex ikkunsidrat l-appell ta` l-esponent bhala wiehed fieragh (Dok. C).

L-esponent umilment jissottometti illi l-aggravju mressaq minnu quddiem l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell Kriminali kien wiehed car u manifest meta wiehed jikkunsidra l-provi li

ngabu fl-istadju tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali.

Gara pero` illi fl-istadju ta` l-appell kriminali regghet instemghet ix-xhieda kollha prodotta quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali, peress li x-xhieda quddiem l-Ewwel Qorti ma gietx traskritta, u x-xhieda kif inghatat fl-istadju ta` l-appell gabu fix-xejn l-aggravju ta` l-esponent li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tar-rekwiziti tal-Ligi kif ukoll tal-fatti b`mod illi gabu fix-xejn l-appell tieghu u konsegwentement il-Qorti ta` l-Appell Kriminali ikkunsidrat l-appell tieghu bhala wiehed fieragh u kkundannatu ghall-hlas ta` multa ta` mitt Lira Maltin (Lm100). Din hija l-qofol tal-lanjanza mressqa mill-esponent fir-rikors odjern. Il-Pulizija li xehdu fl-appell ziedu frazi cioe` li l-imputat kien ammetta li t-tajra protetta kienet tieghu, haga li ma harget fl-ebda stadju tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali kif ukoll li ma setghux jiftakru jekk l-imputat kienx qalilhom li l-boat house kienet tal-genituri tieghu.

Il-bazi ta` dan ir-rikors kostituzzjonali huwa ghalhekk il-fatt li quddiem il-Qorti ta` Gudikatura Kriminali ma jigux traskritti provi u jitressqu mill-gdid fl-istadju ta` l-appell jilledi, per se, id-dritt fondamentali ta` smiegh xieraq tar-rikorrent kif stabbilit taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta.

L-artikolu 39 jipprovdi, *inter alia,* li

*(1) Kull meta xi hadd ikun akkuzat b`reat kriminali huwa ghandu, kemm il-darba l-akkuza ma tigix irtirata, jigi moghti smiegh xieraq gheluq zmien ragonevoli, minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b`ligi.*

*… … … …*

*(5) Kull min jigi akkuzat b`reak kriminali ghandu jigi meqjus li jkun innocenti sakemm jigi pruvat jew ikun wiegeb li huwa hati.*

L-artikolu 424 tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi:

*Quddiem il-Qorti superjuri ma jistghux jingiebu xhieda godda, hlief –*
*(a) jekk tigi ippruvat bil-gurament jew b`mezzi ohra li l-parti li toffri x-xhieda godda ma kinitx taf bihom, jew ma setghatx, bil-mezzi li taghti l-ligi, iggibhom quddiem il-Qorti inferjuri;*
*(b) jekk il-prova tkun giet offerta quddiem il-Qorti inferjuri, u din il-Qorti, bla ma kien imissha, cahdet din il-prova.*

Ma jirrizultax illi l-Prosekuzzjoni ssodisfat xi wahda minn dawn ir-rekwiziti meta gabet il-provi mill-gdid quddiem l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell. Li qed jigri huwa li qieghdin jergghu jinstemghu l-provi mill-gdid quddiem il-Qorti ta` l-Appell Kriminali, fatt li qed jaghti vantagg lill-Pulizija Ezekuttiva, li kienet responsabbli ghall-prosekuzzjoni quddiem il-Qrati Inferjuri, jipperfezzjonaw kultant anki inkonxjament ix-xhieda taghhom, kemm ghaliex id-difetti tal-provi jigu diskussi u sottomessi quddiem il-Magistrat, kif ukoll ghaliex ikollhom kopja tar-rikors ta` appell intavolat mill-imputat. Il-provi li ngabu fl-appell billi kellhom zewg affarijiet differenti, zewg affarijiet zghar izda ta` massima importanza, cioe` zieda ta` punt (li t-tajra kienet tieghu) u nuqqas ta` konferma (li l-boat house kienet tal-genituri tieghu) gabu fix-xejn l-appell tieghu. Dan ippregudika l-pozizzjoni ta` l-esponent u poggieh f`pozizzjoni zvantaggjata u illeda d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq.

Mhuwiex u ma jikkostitwix smiegh xieraq il-fatt li l-provi li jinstemghu mill-gdid – dak li qed isir fl-appell mhuwiex appell izda smiegh mill-gdid u dan huwa abbuz ghaliex fl-appell inti ghandek ikollok il-fakolta li tressaq il-lanjanzi bazati fuq dak li intqal quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali u mhux tigi rinfaccat b`xiehda differenti fl-appell. Dan il-kaz odjern irrenda l-istess appell bla bazi u attribwixxa lill-avukat li jaghti l-pariri lill-imputat nuqqas ta` kredibilita, tant illi l-Qorti ta` l-

Appell fil-kaz odjern immultatu kif fuq inghad ta` appell fieragh, apparti dak kollu li qalet seduta stante.

Jirrizulta ukoll illi li kien hemm min kien prezenti ghaz-zewg smiegh, dak quddiem il-Qorti tal-Magistrati u dak quddiem il-Qorti ta` l-Appell, u jikkonfermaw il-bdil tal-verzjonijiet.

Ghaldaqstant r-rikorrent umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara li r-rikorrent ma kienx moghti smiegh xieraq ai termini ta` l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u ai termini ta` l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem;

2. tannulla u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta` l-Appell tas-16 ta` Novembru, 2006 fl-ismijiet Pulizija vs Michael Cutajar fejn ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali tas-17 ta` Novembru, 2006 u kkundannat lill-esponenti ghall-hlas ta` multa ta` Mitt Liri Maltin (Lm100);

3. Tordna r-rifuzjoni tal-multa inflitta ta` Erba` Mitt Liri Maltin (Lm400);

4. Taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa.

Rat ir-risposta tal-intimat li in forza taghha eccepixxa illi:

L-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta jipprovdi ghal *“smigh xieraq … minn tribunal indipendenti u imparzjali”,* filwaqt li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jipprovdi ghal *“smigh imparzjali u pubbliku … minn tribunal indipendenti u imparzjali”*. Billi hawnhekk m`hu qed jitqanqal ebda dubju dwar l-imparzjalita` tal-Qorti tal-Magistrati wiehed irid allura jara kienx hemm ksur tad-dritt tar-rikorrent ghal smiegh xieraq.

Il-fatt li x-xhieda viva voce li tressqet quddiem il-Qorti tal-Magistrati ma setghetx terga` tintuza fl-istadju ta` l-appell

ma jistax jitqies bhala li jwassal ghal nuqqas ta` smiegh xieraq. Is-smiegh mill-gdid tax-xhieda gie ordnat proprju sabiex hadd mill-partijiet ma jisfa ippregudikat u dan billi ma kienetx giet traskritta x-xhieda quddiem l-ewwel Qorti. Fil-fatt, il-pozizzjoni tal-partijiet inzammet kif kienet fis-sens li x-xhieda li thallew iressqu l-partijiet baqghet l-istess li kienet tressqet originarjament. L-allegazzjoni li tressqet xi xhieda gdida hija ghal kollox bla bazi. Ghaldaqstant, l-artikolu 424 tal-Kap. 8 ma japplikax ghall-kaz odjern.

L-esponent ihoss li m`hijiex xierqa l-allegazzjoni gratwita tar-rikorrent li l-Pulizija b`xi mod biddlu x-xhieda a favur tal-Prosekuzzjoni. L-ewwel nett wiehed irid izomm f`mohhu li ufficcjali tal-Pulizija huma konxji ta` l-anqas daqs ic-cittadini l-ohrajn dwar l-importanza tal-gurament taghhom, u ghalhekk m`humiex se jaqbdu u jixhdu bla hsieb ta` xejn fejn ikollhom dubju ragjonevoli dwar il-veracita` ta` dak li se jghidu. Inoltre, f`sitwazzjonijiet bhal dawk odjerni huwa ferm facli li taghmel allegazzjonijiet simili u mbaghad tghid li ma tistax tintalab tippruvahom. Barra minn hekk, jekk wiehed jasal jikkoncedi li xhieda qatt m`hi se tkun mija fil-mija identika f`cirkostanzi bhal dawn, dan il-fatt jista` jmur kemm a favur kif ukoll kontra kull wahda mill-partijiet fil-kawza. Fl-ahhar nett, jekk wiehed ghall-grazzja ta` l-argument jikkoncedi li kien hemm bidla fix-xhieda, ir-rikorrent ma jista` jkollu ebda certezza li l-ewwel xhieda kienet korretta u mhux it-tieni, u dan billi jekk persuan xehdet b`mod zbaljat (sic) it-tieni darba setghet ukoll xehdet hazin l-ewwel darba. Dan partikolarment meta wiehed iqis li l-ewwel proceduri kontra r-rikorrent bdew jittiehdu f`April ta` din is-sena stess, jigifieri t-trapass taz-zmien ma setghax kien daqstant influwenti.

Dan m`huwiex kaz fejn ix-xhieda tal-prosekuzzjoni u dik tad-difiza gew trattati b`mod differenti. L-istess kienet tkun is-sitwazzjoni fir-rigward tax-xhieda tar-rikorrent, kieku din inghatat. Izda l-istess rikorrent ipprekluda tali sitwazzjoni billi hu stess ghazel li ma jixhidx quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Ghalhekk, kieku din il-Qorti kellha tiddeciedi li r-rikorrenti kellu jithalla jaghti x-xhieda tieghu

quddiem il-Qorti ta` l-Appell, kien imbaghad verament ikun hemm kaz ta` ksur ta` drittijiet, izda ta` dawk tal-Prosekuzzjoni.

Jekk wiehed jara x`kienu l-partijiet tax-xhieda mibdula (sic) mill-Pulizija, jinnota li dawn kienu jikkonsistu fil-fatt li l-Pulizija xehdet li t-tajra misjuba kienet tar-rikorrent, u inoltre li ma giex ikkonfermat li l-boathouse kienet tal-genituri tar-rikorrent.  Dwar l-ewwel allegazzjoni, ir-rikorrent seta` u kellu d-dover igib provi fl-ewwel istanza sabiex juri li t-tajra ma kienetx tieghu, possibilment billi jekk stess ghal xi raguni ma riedx jixhed hu ta` l-anqas kien itella` l-persuna li skond hu hi verament il-proprjetarja tat-tajra li nstabet gewwa l-boathouse.  Dan ir-rikorrent m`ghamlux!  Jekk ir-rikorrent verament kien minghalih li m`hemmx dubju li t-tajra mhix tieghu, dan certament li ma kienx ghajr zball serju ta` apprezzament tal-fatti min-naha tad-difiza tieghu, billi tali impressjoni tirrizulta ferm improbabbli meta wiehed iqis l-evidenza cirkostanzjali kollha li kienet tindika l-kuntrarju.

Dwar it-tieni allegazzjoni, l-allegat nuqqas tal-Pulizija li jikkonfermaw li l-boathouse kienet tal-genituri ma kellux jincidi fuq il-kaz billi r-rikorrent kien messu tella` provi sabiex juri lil min tappartjeni l-boathouse u mhux qaghad jistenna li jghiduha l-Pulizija!

Inoltre, il-fatt li ma giex ippruvat li r-rikorrent kien fuq l-ispeedboat suspettata li intuzat ghal kacca illegali, u il-fatt li ma nstabux oggetti ohrajn fil-boathouse in kwistjoni apparti t-tajra iffrizata, ma jnaqqsu xejn mill-kolpevolezza tar-rikorrent fir-rigward ta` l-akkuzi dedotti kontrih.  Ghar-rigward tat-twissija li allegatament ma nghatatx mill-Pulizija, ghandu jinghad li fil-verita` tali twissija ma kienetx mehtiega billi l-fatt li r-rikorrent iffirma l-ircevuta ma jimplikax xi tip ta` ammissjoni li t-tajra elevata kienet fil-fatt tieghu.

Fl-ahhar nett, l-esponent jinnota li skond ma jghidu Harris, O Boyle u Warbrick fil-ktieb Law of the European Convention on Human Rights (1995 Ed., p.210):

*"The right to a fair hearing in Article 6(1) does not require that any particular rules of evidence are followed in national courts in either criminal or non-criminal cases; it is in principle for each state to lay down its own rules. Such an approach is inevitable, given the wide variations in the rules of evidence in different European legal system …".*

L-espoent ihoss li ghandu jirrileva li fl-opinjoni tieghu dan ir-rikors huwa attentat sabiex ghazla zbaljata li ttiehdet quddiem l-ewwel Qorti mir-rikorrent, cioe` ir-rinunzja ghad-dritt li jixhed, tigi rimedjata permezz tal-proceduri odjerni. L-esponent jidhirlu li dan m`huwiex l-iskop li ghalih twaqqfet l-istituzzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, u huwa anzi abbuz tal-process gudizzjarju; ghal din ir-raguni kif ukoll ghal dak suespost ir-rikors odjern ghandu jigi respint bl-ispejjez.

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet *"Il-Pulizija (Spettur A. P Miruzzi) vs Michael Cutajar"* deciza finalment mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta` Novembru, 2006;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi r-rikorrent gie imharrek quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali talli, fost affarijiet ohra, dan kellu fil-pussess tieghu ghasfur li l-kacca jew it-tehid tieghu huwa projbit bil-ligi. B`sentenza tas-17 ta` Ottubru, 2006, dik il-Qorti sabitu hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu, u kkundannatu ihallas multa ta` Lm300 u l-licenzja tal-kacca giet sospiza ghall-perjodu ta` sena. Ir-rikorrent appella minn dik is-sentenza, izda l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, b`sentenza moghtija fis-16 ta` Novembru, 2006, cahdet l-appell u ikkonfermat is-sentenza appellata, u wara li rat l-artikolu 429 tal-Kodici

Kriminali, iddikjarat l-appell fieragh u ikkundannat lir-rikorrenti Lm100 ammenda oltre il-multa li diga` wehel.

Ir-rikorrenti qed jilmenta ksur tad-dritt tieghu li jkollu smiegh xieraq peress li, la darba x-xhieda mismugha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali ma kienetx giet traskritta (peress li l-procedura quddiem dik il-Qorti hi wahda sommarja), l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali kellha terga` tisma x-xhieda mill-gdid, u dan, skond hu, jaghti vantagg lill-Pulizija Ezekuttiva li jkunu f`pozizzjoni li *"jipperfezzjonaw kultant anki inkonxjament ix-xhieda taghhom"*. Fil-fatt, hu jallega li quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, il-Pulizija li xehedu ziedu frazi, cioe`, li l-imputat kein ammetta maghhom li t-tajra protetta kienet tieghu, li ma kienetx tirrizulta quddiem l-ewwel Qorti.

Din il-Qorti tghid mill-ewwel li, ghaliha, l-ilment tar-rikorrent huwa totalment bla bazi. Ma hemm ebda regola fundamentali jew principju legali li jesigi li Qorti li qed tisma` kawza ta` natura kriminali trid bil-fors tara li l-provi li tisma` jigu registrati u/jew traskritti; il-htiega li akkuzat ikollu "a fair trial" bl-ebda mod ma jwassal ghal dan. F`kazijiet bhal dawn, meta jkun hemm dritt ta` appell ghal xi parti leza, il-Qorti adita bl-appell trid hi terga` tisma l-provi mill-gdid, izda dan ma hu ta` vantagg ghall-ebda parti, ghax dik il-Qorti tisma` l-provi mhux biss fil-prezenza tal-akkuzat li jkollu d-dritt jikkontrolla l-istess provi, izda trid tisma` l-provi <u>kollha</u> li kienu gew prodotti quddiem l-ewwel Qorti, kemm tal-prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza. Dan ma jwassalx ghal smiegh doppju tal-istes kaz, ghax il-Qorti tal-Appell ma tistax tisma` provi godda (hlief sa fejn hu permess bil-ligi), izda biss il-provi li jkunu gew prodotti quddiem l-ewwel Qorti.

Barra minn dan, il-Qorti tara li hu ta` vantagg ghall-process gudizzjarju li l-Qorti tal-Appell tisma` hi viva-voce l-provi tal-kaz, ghax tkun f`pozizzjoni ahjar li tapprezza dak li qed jinghad u kif qed jinghad, u tkun f`pozizzjoni ahjar tevaljuwa il-komportament tax-xhieda. Hu ferm aktar desiderabbli ghall-gudikant li jrid jiddeciedi kaz li jisma` l-provi hu viva-voce, u la darba dan isir

b`opportunita` ghal kull parti li tikontrolla dak li jinghad mix-xhieda, dan il-process ghandu jitqies, anzi, li jkun ta` vantagg ghaz-zewg nahat.

F`kaz li xhud fl-istadju tal-appell jghid xi haga differenti minn dak li jkun qal quddiem l-ewwel Qorti, il-parti interessati tista` dejjem tigbed l-attenzjoni tal-Qorti tal-Appell ghal dik ic-cirkustanza, u tali sottomissjoni zgur tittiehed in konsiderazzjoni minn dik il-Qorti fl-apprezzament li hi taghmel tal-provi prodotti.

Din il-Qorti tara li dan ir-rikors ma hu xejn hlief attentat iddisprat da parti tar-rikorrent biex jipprova jinheles minn akkuza li giet ippruvata. Hawnhekk il-Qorti taghmel taghha hsieb registrat minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fil-kawza “Rapa vs Avukat Generali”, deciza fis-7 ta` Dicembru, 2006, fis-sens li gej:

*“Ir-rikors kostituzzjoni tallum huwa mibni fuq l-illuzjoni illi l-jedd ghal smigh xieraq, imhareg taht li-Kostituzzjoni u taht il-Konvenzjoni, moghti li min hu mixli bi ksur tal-ligi penali huwa prattikament ekwivalenti ghall-jedd illi, b`xi mod jew b`iehor, tajjeb jew hazin, ghal raguni tajba u serja jew frivola u banali, jinheles mill-akkuzi migjuba kontrieh. Ir-rikorrent illum qieghed jippretendi illi, hati kemm hu hati, jekk sar zball mill-prosekuzzjoni dan jaghtih immunita` u ghandu jinheles, u l-ksur tal-ligi jibqa` bla konsegwenzi.*
*Huwa atteggjamenti bhal dawn illi l-ligi jaghmluha artificjali, bhallikieku kienet xi loghba li tirbahha ghax il-parti l-ohra ghamlet punto fejn kellha taghmel virgola. Il-garanziji kollha li tahseb ghalihom il-procedura biex ma jinsabx hati min hu innocenti u – mhux anqas importanti – biex ma jinhelisx min hu hati. Zbalji li ma jippregudikawx parti jew ohra ma ghandhomx jithallew ifixklu dan il-ghan ewlieni tal-ligi procedurali penali”.*

Ix-xhieda li nstemghet f`dan il-kaz, kemm quddiem l-ewwel Qorti kif ukoll fil grad ta` appell, kienet taht il-kontroll shih tar-rikorrent li kien assistit minn Avukat ta` fiducja tieghu, u jekk kien hemm xi diskrepanzi f`xi depozizzjoni, ir-rikorrenti setgha jigbed l-attenzjoni tal-Qorti ghal dan. Jekk, fi stadju tal-appell, tinghad xi haga

*"gdida"*, il-parti l-ohra tista` dejjem titlob biex tressaq xhieda biex ixejjen dik il-*"prova gdida"* li tkun saret, izda f`dan il-kaz, ir-rikorrent lanqas talba f`dan is-sens ma jidher li ghamel.

Kif gie osservat mill-awturi Harris, O`Boyle & Warbrick fil-ktieb *"Law of the European Convention on Human Rights"* (Ed. 1995), f`pagna 210,

*"The right to a fair hearing in article 6(1) does not require that any particular rules of evidence are followed in national courts, in either Criminal or non-criminal cases; it is in principle for each state to lay down its own rules. Such on approach is inevitable, given the wide variations in the rules of evidence in different European legal systems ...".*

Diment li dawn ir-regoli ta` procedura jipprovdu ghall-kontroll tal-partijiet tal-provi prodotti, b`opportunitajiet indaqs li jikkontradixxu l-pozizzjoni tal-parti l-ohra, ma jistax jinghad, in principju, li jkun hemm ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq. F`dan il-kaz, ma jirrizultax li, fil-kors tas-smiegh tal-kawza quddiem il-Qrati b`kompetenza kriminali, sar xi strap procedurali li ma setax jigi rimedjat fil-kors tal-istess smiegh; ir-regola innifisha li x-xhieda fi proceduri sommarji ma tigix traskritta, ma twassalx ghal xi ingustizzja jew lezjoni ta` dritt ta` smiegh xieraq. Fuq kollox, persuna akkuzata b`reat li tkun qed tinstema` bi procedura sommarja, tista` dejjem titlob li x-xhieda tigi registrata, jekk jidhirlha li jkun importanti li jsir hekk, pero`, f`dan il-kaz, talba simili ma saretx.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet indikati, tiddisponi mill-kawza billi tichad ir-rikors tar-rikorrenti, bl-ispejjes kontra tieghu.

IMHALLEF

DEP/REG

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------